

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Ġunju 2022 – LA International Cooperation vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-609/20) ⁽¹⁾*****(“Strument ta’ għajjnuna qabel l-adeżjoni – Investigazzjoni tal-OLAF – Deċiżjoni tal-Kummissjoni li timponi sanzjoni amministrattiva – Esklużjoni tal-proċeduri għall-għoti ta’ kuntratti u mill-għoti ta’ sussidji ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni għal perijodu ta’ erba’ snin – Inklużjoni fid-database tas-sistema ta’ identifikazzjoni bikrija u ta’ esklużjoni – Regolament finanzjarju – Ġurisidizzjoni sħiħa – Proporzjonalità tas-sanzjoni”)***

(2022/C 318/47)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet**Rikorrenti:** LA International Cooperation (Milano, l-Italja) (rappreżentanti: B. O'Connor u M. Hommé, avukati)**Konvenuta:** Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: R. Pethke, aġent)**Suġġett**

Permezz tar-rikors tagħha bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-20 ta' Lulju 2020 li permezz tagħha din eskluđietha, għal perijodu ta' erba' snin, mill-parteċipazzjoni għall-proċeduri ta' għoti ta' kuntratti u ta' għoti ta' sussidji ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll tal-parteċipazzjoni għall-proċeduri ta' għoti ta' fondi fil-kuntest tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/323 tat-2 ta' Marzu 2015 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ĠU 2015, L 58, p. 17), u ordnat il-pubblikazzjoni ta' din l-esklużjoni fis-sit internet tagħha.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) LA International Cooperation Srl hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 19, 18.1.2021.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Ġunju 2022 – bet-at-home.com Entertainment vs EUIPO (bet-at-home)**(Kawża T-640/21) ⁽¹⁾*****(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea bet-at-home – Raġunijiet assoluti għal rifjut – Assenza ta’ karattru distintiv – Karattru deskrittiv – Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (UE) 2017/1001”)***

(2022/C 318/48)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet**Rikorrenti:** bet at home.com Entertainment GmbH (Linz, l-Awstrija) (rappreżentant: R. Paulitsch, avukat)**Konvenut:** L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: E. Nicolás Gómez u D. Hanf, aġenti)**Suġġett**

Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti titlob il-bidla tad-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-5 ta' Awwissu 2021 (Każ R 2143/2020-1).